# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NUMRU 2911

**Kaz Nru: 3945/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Dr Christine Calleja (I.D. 54487M) bhala mandatarja specjali ta' Matteo Grinta (numru tal-passaport YB1676934)**

**u**

**Amicorp Fund Services Malta Ltd (C51216)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Illum l-Erbgha 17 ta' Mejju, 2023**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata minn Dr Christine Calleja bhala mandatarja specjali ta' Matteo Grinta fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-25 ta' Frar 2021 fejn sostna li l-impjieg tieghu kien gie terminat illegalment u mhux minhabba kawza gusta u sufficjenti. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li fattwalment l-Appellant abbanduna l-impjieg u d-dmirijiet tieghu u s-Socjeta' ntimata ma kellhiex ghazla ohra ghajr li tittermina l-impjieg tieghu.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm ghaxar (10) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Matteo Grinta li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assistenza ta' l-Avv. Christine Calleja.

Amicorp Fund Services Malta Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata mill-Avv. Andrew Grima.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mas-Socjeta' ntimata bhala *Chief Operating Officer-Funds* u dan sa mis-17 ta' Settembru 2018.

Nhar l-14 ta' Jannar 2021, huwa kien notifikat permezz ta' ittra li kien qed jinghata '*notice of termination*' bid-data tat-temm tal-impjieg tkun dik tal-24 ta' Frar 2021.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Chi Kin Lai** permezz t'affidavit qal li huwa d-Direttur ta' Amicorp Fund Services Malta Ltd (AFS Malta) u ta' Amicorp Fund Services (AFS). Huwa qal li jaf lill-Appellant sa mis-sena 2018.
Huwa qal li f'nofs l-2018 kien intervista lill-Appellant bhala *Managing Director* ta' AFS Malta, fejn huwa assuma li dan kellu l-hiliet li jitkellem ma' *Fund Managers* u jgib ix-xoghol. Huwa kkonferma li bhala Managing Director kien responsabli mill-operazzjonijiet kollha.
Ix-xhud kompla li matul din l-intervista kien ghamililu cara li Londra kellha tkun il-*focus* ghas-snin li gejjijn ghaliex hemm kienu l-*Fund Managers*. Huwa spjega li l-irwol li kellu l-Appellant kienet aktar fuq '*sales*

*side to sell funds*', idejalment gewwa Londra izda mhux hemm biss. Huwa qal li gie spjegat lill-Appellant li *Managing Directors* f'Amicorp Group kienu '*the most expensive resources*'.
Ix-xhud stqarr li meta l-Appellant inghaqad mas-Socjeta' nimata, l-entita' kienet f'posizjoni difficli peress li bosta klijenti telqu u kienu fi stadju ta' likwidazzjoni, u fejn ma kienx hemm dhul bizzejjed sabiex izommu l-ufficcju. Dan flimkien mall-fatt li s-Socjeta' bdiet proceduri legali ma' wiehed mill-klijenti Audentia, fejn il-proceduri ghadhom ghaddejijn.
Huwa tenna li s-sitwazzjoni kompliet tehzien ghaliex il-*fund administration license* kienet giet iffrizata mill-MFSA u fejn ma setghux igibu klijenti jekk mhux bl-approvazzjoni tal-MFSA. Ix-xhud stqarr li meta l-Appellant kien gie ngaggat maghhom, l-*issue* mall-MFSA kienet ghadha ma feggitx, izda din zviluppat xi ftit xhur wara. Huwa qal li qabel l-Appellant kien hemm Diretturi ohra li kienu damu fl-impjieg ftit xhur.
Ix-xhud ikkonferma li l-*issue* mall-MFSA giet issettiljata xi ftit tax-xhur qabel l-Appellant irrizenja minn Direttur.
Ix-xhud kompla li tenut kont ta' din is-sitwazzjoni l-Appellant kien infurmahom li kien mehtieg li aktar jikkoncentra fuq l-*issues* riferuti milli li jbiegh il-*funds*. Ix-xhud sostna li ma kienx konvint 100% ghaliex anke jekk ma setghux jamministraw *Malta Funds* minhabba r-restrizzjoni, huma xorta setghu jahdmu fuq Lux Funds, Cayman Funds, etc.

Ix-xhud kompla li fil-bidu tal-2019 kienu qed jippjanaw espansjoni zghira gewwa Londra fejn huwa kien mar hemmhekk jiltaqa' ma' xi klijenti u jaghmel xi ntervisti. Huwa kompla li fil-frattemp kien ikun hemm konversazzjonijiet kontinwi mall-Appellant relatati mall-*issue* tal-operazzjonijiet t'AFS Malta, laqghat tal-Bord, mall-kaz Audentia u l-MFSA Licence.
Ix-xhud qal li kmieni f'Ottubru 2019 kien ircieva telefonata minghand Claudio Cecchini d-Direttur l-iehor ta' AFS Malta, fejn gharrfu li l-Appellant kien qed jipproponi li jhalli lill-AFS Malta u jmur Singapore. Ix-xhud qal li f'diskussjoni li huwa kellu mall-Appellant dwar dan, kien spjegalu li peress illi huwa (l-Appellant) ma kellux '*network*' gewwa Singapore, jekk huwa jmur hemm kien ikun difficli li Amicorp jingaggawh. Ix-xhud qal li huwa kien rega' kellem lill- Appellant dwar dak li ried isir gewwa Londra bazikamnet li jaghmlu l-flus. Ix-xhud qal li

l-Appellant wera nteress izda f'dak il-mument ma qabilx li jissieheb mall-hsieb ta' Londra u talab li jara x'qed ikun offrut qabel jiehu decizjoni.
Ix-xhud qal li Marzu / April 2020, il-persuna li fl-2019 kienu ngaggaw sabiex tahdem gewwa Londra telqet u huwa rega' tkellem mall-Appellant dwar li jahdem gewwa Londra. Ix-xhud qal li l-Appellant qallu li ma kienx kuntent bl-offerta specjalment bis-salarju ghaliex l-ispejjez biex jghix gewwa Londra kienu gholjin, izda huwa (l-Appellant) filwaqt li ma kienx kuntent baqa' ma tahx decizjoni jekk hux ser jaccetta jew le. Huwa qal li minhabba l-Covid 19 is-sitwazzjoni globali hzienet u l-pjan tal-espansjoni gewwa Londra gie ghal darb'ohra stallat.
Ix-xhud stqarr li meta huwa kien Londra fi Frar / Marzu 2020, wiehed mill-kollegi Gianluca Tadiello kien qallu li l-Appellant kien qed isibha difficli jimmaniggja l-Malta Office ghaliex il-'*fund services team*' ma kienx qed jahdem mall-Appellant. Tadiello kien qallu wkoll li jekk l-Appellant ma kienx ser igib '*his operation in good order*' huwa kien jippreferi ibiegh aktar *Luxembourg Funds* ghax huwa aktar kellu fiducja fl-*operation team* t'hemmhekk. Huwa kkonferma li f'dak is-sens Tadiello talbu jghin lill-Appellant jimmannigja ahjar. Huwa kkonferma wkoll li sa dak iz-zmien l-issue mall-MFSA kienet ghadha mhiex rizolta.
Ix-xhud kompla li fl-1 t'April 2020 huwa kellu konversazzjoni *via Skype* mall-Appellant dwar is-sitwazzjoni fl-ufficcju gewwa Malta, fejn l-Appellant kien gharrfu li kien qed ihoss li l-Awtorita' tieghu kienet qed tigi mminata minn Colin Gregory li kien *Managing Director* Amicorp Malta b'tali mod li Federico Corsale li kien *Fund Services Operation Manager* kien jikkonsulta u jirrapporta affarijiet konnessi ma' *fund services* ma' Gregory u mhux mieghu. Ix-xhud kompla li wara din il-konversazzjoni kien baghat *Email* lil Gregory fejn sahaq mieghu li l-Appellant kien il-*Fund Services Managing Director* u allura responsabbli mill-affarijiet konnessi ma' *fund services* gewwa Malta.

Ix-xhud kompla li fid-19 t'April 2020 kien tkellem telefonikament ma' Souraya Radwan fejn din gharrfitu li r-raguni li Corsale kien talab l-assistenza ta' Gregory ghaliex l-Appellant ma kienx qed ikun l-ufficcju. Ix-xhud kompla li giet ghall- attenzjoni tieghu li l-Appellant ma kienx qed ikun fl-ufficcju ghal perjodu konsiderevoli. Huwa stqarr li peress li ma kienx ikun Malta, l-vizibilita' tieghu dwar l-attendenza tal-Appellant fuq

il-lant tax-xoghol kienet limitata. Izda ghalih kien jidher li l-assenza tal-Appellant mill-ufficju kienet ikkrejat konfuzjoni certament lil Corsale.

Ix-xhud kompla li fl-1 ta' Settembru 2020, huwa u l-Appellant regghu tkellmu dwar l-ingagg tieghu gewwa Londra u dan ghaliex l-approvazzjoni mill-MFSA dwar il-persuna li kellha tissostitwixxih gewwa Malta kienet fil-qrib.

Ix-xhud kompla li verbalment l-Appellant kien kuntent bis-salarju offrut ghax-xoghol gewwa Londra. Huwa qal li waqt din id-diskussjoni, l-Appellant kien gharrfu li l-licenzja kienet regghet giet akkwistata u li kien solva l-*issues* magguri li kien hemm pendenti, izda hadd fil-grupp ma kien qed japprezzah. Ix-xhud qal li hass li l-Appellant kien frustrat. Huwa qal li f'dak il-mument ma kienux iffissaw data ghal meta l-Appellant kellu jiccaqlaq ghal posizzjoni gewwa Londra.

Huwa kompla li matul Gunju / Lulju 2020, is-sitwazzjoni gewwa UK kienet tjiebet xi ftit u wara li ghamel xi ntervisti kien irnexxielu jingagga *salesperson* sabiex jissosstitwixxi lil dak li kien telaq f'Marzu. Dan is-*sales person* il-gdid beda tard f'Settembru 2020. Huwa qal li f'Novembru 2020, il-UK regghet kienet f'*lockdown* u l-*business activities* waqfu. Huwa qal li l-hsieb kien li huwa (x-xhud) ikun il-*Managing Director* fl-Londra u jkun hemm zewg *Salespersons*, l-Appellant u persuna ohra. Ix-xhud stqarr li meta jara l-prestazzjoni tat-tnejn wara jiddeciedi min minnhom jibda jokkupa l-post ta *Managing Director*.

Huwa kompla li tard f'Novembru 2020, mar lura Hong Kong inkwetat dwar is-sitwazzjoni li l-pandemija fil-*UK* gabet fuq il-*business* taghhom. Huwa qal li kellu diskussjoni mall-Appellant dwar dan u fejn infurmah li fid-dawl ta' dawn l-incertezzi, kien mehtieg li jiffissaw certu '*milestones*' ghas-6 xhur mill-mument li huwa (l-Appellant) imur Londra. Ix-xhud qal li kien issugerixxa li huwa (l-Appellant) kellu jkollu 6 *fund proposals* iffirmati fi zmien 6 / 9 xhur, u fejn l-Appellant qallu li huwa seta' jipprova l-almu tieghu sabiex jaghmel dan izda ma setax jiggarantixxi. Ix-xhud stqarr li lill-Appellant kien qallu li ma jfissirx li jekk din il-mira ma tintlahaqx kien ser ikun '*released*', izda li huwa jara '*progress & sales momentum*'. Ix-xhud qal li l-Appellant kien qallu li kien jistenna li l-aktar kmieni li seta' jkun fizikament gewwa Londra kien Gunju 2021 minhabba l-pandemija u li fil-mument seta' biss jaghmel *Zoom calls*.

Ix-xhud kompla li wara d-diskursata li kellu mall-Appellant, is-sitwazzjoni gewwa UK / Ewropa / US kompliet tiddeterjora b'mod mghaggel. Minhabba f'hekk huwa u l-kollegi tieghu ddecidew li l-pjan ta' espansjoni nkluz dak ta' UK kellu jigi stallat ghal mill-anqas 9 xhur qabel ma jipprocedu.
Ix-xhud qal li fil-5 ta' Jannar 2021 huwa tkellem via Skype mall-Appellant fejn gharrfu li ma kienux ser jipprocedu bil-pjan tal-espansjoni gewwa UK u li ma kienux qed joffrulu l-posizzjoni hemmhekk. Ix-xhud kompla li l-Appellant staqsa setax jinghata ammont addizzjonali bhala '*gratuity payment*' bhala apprezzament tas-sentejn xoghol li kien ghamel f'Malta sabiex igib lill-AFS Malta '*on track*', rikjesta li kienet saret qabel f'2020 / 2021 waqt il-konversazzjonijiet li kellhom.
Ix-xhud qal li kien wiegbu li dik kienet materja li riedet l-approvazzjini tal-*HR*. Huwa kompla li fil-15 ta' Jannar 2021, huwa kien infurmat li seta' jinghata biss dak li huwa dovut lilu skont il-kuntratt tal-impjieg u dak li legalment huwa dovut lilu f'Malta. Huwa qal li minn dakinhar ma kellu l-ebda kuntatt mall-Appellant.
Filwaqt li stqarr li sal-lum ma gewx ingaggati nies ohra addizzjonali gewwa UK, u l-ebda AFS UK ma giet stabbilita, u li fejn sa dan it-tant, it-tlett *London fund clients* li kienu amministrati gewwa Hong Kong u Singapore, liema klijenti setghu gew trasferiti ghall-ufficju gewwa Londra gew likwidati fl-2020.
Fl-ahharnett ix-xhud stqarr li l-Appellant kien huwa stess ikkonduca l-intervista sabiex Massimo Talia jiehu postu gewwa Malta. Huwa sostna li dan jesponi l-indikazzjoni cara li l-Appellant kellu li jitlaq minn Malta.
Ix-xhud ikkonferma li l-persuna li kienet giet ingaggata f'Malta kienet sabiex tiehu post l-Appellant appena dan jitlaq Londra.

**Souraya Toufic Moukheiber Radwan** bdiet billi qalet li hija ilha mpjegata ma' Amicorp Group sa mill-2000 u bhalissa tokkupa l-kariga ta' *Chief Internal Organisation Officer* responsabbli mill-entitajiet kollha tal-Group Amicorp fejn tara li jkunu qed joperaw in konformita mal-ligijiet u regolamenti lokali. Hija qalet li tokkupa wkoll il-kariga ta' Direttur kemm ta' Amicorp Malta Ltd., u anke ta' Amicorp Services, li huma t-tnejn registrati f'Malta. Hija qalet li Amicorp Fund Services Malta Ltd., u Amicorp Malta joperaw mill-istess binja u juzaw l-istess *Office Support*.

Hija qalet li ltaqet ma' l-Appellant sa minn mindu beda jahdem ma' AFS fl-2018 u f'okkazjonijiet ohra matul iz-zjarat regolari li hija taghmel f'Malta. Hija qalet li huwa kien ingaggat sabiex igib xoghol gdid kemm lill-AFS u lill-Amicorp Group b'mod generali, li sa fejn taf hi ma kienx limitat ghall-*Maltese Funds* ghaliex il-grupp joffri *fund services* f'gurisdizzjonijiet ohra.
Ix-xhud kompliet li meta fuq AFS gew imposti certu restrizzjonijiet mill-MFSA, huwa ddecieda li jiffoka fuq kif ser tirranga s-sitwazzjoni bil-ghan li r-restrizzjonijiet jigu mnehhija. Hija stqarret li f'diversi okkazjonijiet l-Appellant esprima frustrazzjoni ghaliex ma kienx kuntent bit-tul taz-zmien sabiex jitnehhew ir-restrizzjonijiet u jkunu jistghu joperaw sewwa. U anke li ma kienx kuntent li kien qed jghix Malta.

Hija kompliet li f'diversi okkazjonijiet kien ikun assenti mill-ufficcju bl-impjegati ma jkunux jafu fejn kien. Hija qalet li kien ikun qed jivvjagga fuq xoghol izda xoghol ma kienx qed jiggenera allavolja l-grupp kellu gurisdizzjonijiet ohra fejn huwa seta' joffri *fund services*.
Ix-xhud sostniet li d-dewmien fl-illiftjar tar-restrizzjonijiet kien anke minhabba n-nuqqas ta' gwida li huwa kien jaghti lit-*team* tieghu. Hija qalet li saret taf b'dan fejn f'okkazjoni Adriana Cassar *Compliance Officer* li kienet qed tghin lill-AFS fl-*Audit Process* tal-MFSA. Ix-xhud qalet li Cassar kienet talbitha tintervjeni ghaliex ma kienetx qed tara titjijb fir-revizjoni li l-Appellant u t-*Team* tieghu kienu suppost qed jaghmlu.
Ix-xhud kompliet li kienet kellmet lill-Appellant fejn huwa kien irrikonoxxa li ried ikun aktar assertiv fil-gwida tieghu mat-*team*, izda huwa aktar beda jilmenta dwar il-posizzjoni tieghu u li skuntentizza dwar is-sistemi adottati u affarijiet ohra izda ma kienx qed jipproponi soluzzjonijiet, ma dehrx interessat. Hija qalet li f'dik l-okkazjoni kien semma li ried jiccaqlaq Singapore ghaliex kien ser ikun hemm l-implimentazzjoini ta' regolamenti godda fuq *Funds* simili ghal dik li hemm fil-Lussemburgu.
Hija kompliet li meta staqsietu x'kuntatti kellu f'Singapore u kif dan seta' jzid il-valur ghall-kuntatti li l-kumpanija diga' kellha hemmhekk mill-ufficcju li diga' kellha ghal diversi snin, huwa wiegeb li ma kellux kuntatti izda kien fiducjuz li seta' jahdem fuqu. Hija sostniet li ghalija ma kienx

jaghmel sens u kienet qed tqisha bhala ndikazzjoni cara li huwa kien qed ifittex xi mkien iehor biex jitlaq minn Malta.
Ix-xhud kompliet li bhala *CIOO* kienet informata li kien gie ngaggat xi hadd minflok l-Appellant. Hija qalet li fl-ambitu tar-responsabilitajiet taghha kkuntatjat lill-Appellant u lil Massimo l-persuna gdida ngaggata sabiex ikun accertat li jkunu osservati l-htigijiet legali kollha sabiex ikunu appuntati u mibdula Diretturi.
Hija sostniet li kien hemm qbil mall-Appellant li huwa jibqa' jiffunzjona sakemm Massimo jkun approvat mill-MFSA, izda l-Appellant ma qabilx ma' dan u rrizenja qabel, fejn halla lill-AFS mhux in konformita mall-obbligi legali.
Hija stqarret li l-Appellant kien ghamel hekk ghaliex allega li ma kienx komdu jibqa' Direttur waqt li AFS kienet qed tiftah proceduri legali kontra klijent dwar hlasijiet dovuti li kienu pendenti. Hija sostniet li din l-azzjoni min-naha tal-Appellant kienet nieqsa mill-professjonalizmu u bhala skuza mhux gustifikata.
Ix-xhud qalet li bir-restrizzjonijiet tal-Covid, l-Appellant qatta l-perjodu kollu gewwa l-Italja u meta dawn gew imtaffija huwa rega' lura Malta, izda xorta kien hemm ilmenti li huwa ma kienx qed ikun prezenti fl-ufficcju tant li mpjegat minnhom kien jitlob pariri minghand Colin Gregory li kien *Managing Director* ta' Amicorp Malta.

Hija kompliet billi qalet li kienet tifhem li kien hemm xi diskussjonijiet sabiex l-Appellant imur Londra izda l-pjanijiet tal-Grupp dwar is-suq ta' Londra gew ripensati ghaliex is-suq gewwa Londra ma kienx qed jirkupra kif kien mahsub u allura li huwa jintbaghat Londra ma kienetx taghmel sens. Hija sostniet li l-Appellant kien mgharraf b'dan il-fatt.
Hija qalet li dan kien it-tmiem tar-relazzjoni tieghu, ghaliex huwa ma kellu l-ebda hsieb li jibqa' Malta, kien qabel li kien ser jigi mibdul u kien ben konxju li l-ingaggar ta' Massimo kien ifisser l-gheluq tal-bieb ghalih.
Hija sahqet li l-Grupp dejjem agixxa mieghu b'mod professjonali u b'mod trasparenti.

**Matteo Grinta** permezz ta' affidavit xehed li huwa kien gie f'kuntatt ma' Amicorp Fund Services f'Lulju 2018 dwar interess ta' mpjieg, u fejn wara huwa kien gie mpjegat fis-17 ta' Settembru 2018.
Huwa kompla li ftit wara kien ircieva komunikat minghand l-MFSA fejn gie mgharraf b'nuqqasijiet pendenti, nuqqasijiet li huwa stqarr li ma kienx konxju minnhom. F'din il-komunikazzjoni huwa sar jaf illi '*new business*' kien iffrizat mill-MFSA u li Diretturi lokali precedenti kienu rrizenjaw wara ftit xhur minhabba l-problemi. Huwa kien sar konxju ukoll ta' kwistjonijiet serji li l-kumpanija kellha ma' klijent precedenti Audentia SICAV. Ix-xhud tenna li l-problema tal-'iffrizar mill-MFSA' gew rizolti lejn April 2020.
Ix-xhud tenna li sakemm dam fl-impjieg tieghu kellu mall-50 ittra minghand l-MFSA dwar rikjesti u talbiet ta' punti ta' azzjoni, li kienu marbuta b'*deadlines*. *Deadlines* li huwa sostna li dejjem osserva, kuntrarju ghal dak li ntqal minn Souraya Radwan fid-deposizzjoni taghha.
Ix-xhud qal li f'nofs 2020 huwa kien sbalordit meta skopra li diga' kien '*in charge of the UK branch*' kif indikat f'*May 2020 Organisation Chart* li huwa espona. Huwa rrefera li matul Gunju / Lulju 2020 Kin Lai kien qed jintervista *salespeople* u anke ngagga persuna sabiex ikun jopera Londra, u dan minghajr ma huwa (x-xhud) kien konxju. Huwa ddeskriva dan l-agir bhala mhux professjonali tant li dan il-punt kien gie mqajjem fil-laqgha tal-Bord ta' nhar l-4 t'Awwissu 2020.
Ix-xhud kompla li fi Frar 2020 huwa kien mar fl-Amicorp London Office biex jiltaqa' ma' Kin Lai u jiddiskutu l-pjanijiet tieghu (ta' Lai) ghall-espansjoni Ewropea. Huwa kompla li matul Jannar / Frar kien ipprova jimbotta l-attivita izda wara nofs Frar kien marad tant li kellu jmur fl-isptar ta' Paddington St. Mary. Huwa qal li minhabba kif kienet is-sitwazzjoni minhabba l-Covid kien irraguna li ma kienetx tkun idea tajba li jmur fl-ufficcju f'Malta ghaliex is-sintomi li kien qed ibati bihom ippersistew.
Grinta kompla li kien ferm sorpriz li Amicorp ma kelliex '*a global policy on health emergency*' kif kellhom kumpaniji simili u dan f'xenarju fejn fl-2020 kienet sena fejn xoghol kien qed isir mid-dar madwar id-dinja kollha sabiex l-impjegati jkunu protetti mill-pandemija.

Ix-xhud kompla li f'Mejju 2020 kien inghata permess mill-Air Malta sabiex ikun jista' jivvjagga lejn Malta fuq titjira nhar is-17 ta' Gunju 2020. Huwa kkonferma li kemm hu u anke Adam Krezmien kif miftiehem ma dahlux l-ufficcju fejn huwa kien insista li x-xoghol isir mid-dar sakemm kellhom '*business continuity*'. Huwa sostna li din id-decizjoni kien mgharraf biha l-*Line Manager* Claudio Cecchini u kienet decizjoni mehuda mill-Membri tal-Bord.
Huwa kompla li fl-ahhar ta' Marzu u bidu t'April 2020, l-MFSA kkomunikaw lill-AFS Malta li kienu ser jikkonducu spezzjoni virtwali f'nofs April fuq *MS Teams*. Huwa qal li f'dan ir-rigward kellu ntervisti kemm ma' Jeanelle Newell u Sarah Farrugia. Huwa qal li wara din il-laqgha virtwali l-MFSA, nehhiet ir-restrizzjonijiet li kienu mponuti fuq '*new business*'. F'dan il-kuntest huwa semma lil Adriana Cassar bhala *External Compliance Individual* li assisstitu.
Ix-xhud kompla li fil-frattemp Amicorp bdew ifittxu ghal Direttur gdid sabiex jissostitwih peress li huwa (x-xhud) suppost li kellu jmur fl-ufficcju ta' Londra.
Huwa qal li peress illi f'Lulju 2020 il-persuna li kienet giet minfloku nghata minnu '*handover*' kompluta u beda jopera fizikament f'Malta hass li l-presenza tieghu kienet b'xi mod tesponih ghal twarrib / trattament mhux sewwa minghand Colin Gregory bhal ma f'diversi drabi kien qed ikun imwarrab minnu hu. Ix-xhud ta deskrizzjoni ta' kif kien ikun maqbuz u mwarrab diversi drabi minn Colin Gregory fuq materji li kienu jikkoncernaw xogholu (tax-xhud), fejn anke Kin Lai kien involut u fejn tali kondotta ta' Gregory kienet anke diskussa f'livell ta' Bord. Huwa spjega li Colin Gregory kien *Managing Director* ta' entita' ohra fi hdan Amicorp u li flimkien ma' din l-entita' kienu jaqsmu l-*premises*.
Huwa sahaq li kemm minhabba l-mizuri marbuta mall-pandemija u anke l-affarijiet li semma hass li jkun ahjar li jzomm lura milli jidhol l-ufficcju ghalkemm xi drabi dahal. Huwa sahaq li matul dan il-perjodu hadd ma qallu li kien mehtieg li jkun fl-ufficcju b'mod regolari u dan fi zmien fejn globalment ix-xoghol kien qed isir mid-dar u filwaqt li kull *issue* li kienet tinqala kien jiehu hsiebha b'manjiera pronta.
Ix-xhud kompla li matul is-sajf irnexxielu jzid b'mod sostanzjali l-AFS Malta PnL, fejn anke f'dan ir-rigward kienu nqalghu *issues* magguri minhabba l-indhil ta' Gianluca Tadiello. Dwar dan ix-xhud ghamel

referenza ghal prattici ta' xoghol adottati minn Tadiello fejn anke kien ipprezenta *sales report* waqt il-*BoD* ta' Settembru 2020 li huwa kien ghamel f'Awwissu fejn kien ifformalizza l-*issues* li kellhom ma' Tadiello.
Huwa spjega kif fl-20 t'Awwissu Amicorp sfat vittma ta '*cyber security ransom incident*' u li dwaru hadem mid-dar mall-Bord u ma' Souraya Radwan biex ikkollokjaw ghal gimghat shah ma' MFSA b'komunikazzjoni formali u procedurali, sabiex ikun hemm kontinwazzjoni tax-xoghol.

Ix-xhud kompla li fil-Harifa 2020 il-kaz legali ma' Audentia rega' fegg. Huwa sostna li ghalkemm il-veduta tieghu u tal-MFSA kienet li l-affari ghandha tkun rizolta barra l-Qorti, Amicorp iddecidew li jzommu iebes u taw struzzjonijiet sabiex tinhareg '*garnishee order*'.
Huwa spjega kif meta fittex pariri legali huwa kien mgharraf bil-possibilita' li Audentia jistghu jirritaljaw billi jiffrizaw il-kontijiet tal-*AFS Director*, fejn huwa (x-xhud) kien l-uniku Direttur residenti fl-EU.
Huwa sahaq li f'din ic-cirkostanza (fejn huwa ma kellux access ghall-informazzjoni dwar *Professional Indemnity Insurance* huwa ma kellux triq ohra ghajr li jirrizenja minhabba li ma kienx komdu bir-riskju li kien qed jiehu.
Ix-xhud ghamel referenza ghall-*Email* li rcieva minghand Kin Lai wara r-rizenja tieghu minn *Local Director* dwar il-logistika biex jiccaqlaq minn Malta ghall- ufficcju ta' Londra, fejn kien maqbul li jahdem b'mod remot mill-Italja u fejn kien hemm referenza ghal numru konsiderevoli ta' granet *leave* li kien akkumula matul il-*Covid Lockdown* u li kien ha f'Dicembru.
Ix-xhud kompla li fil-bidu ta' Jannar 2021 wara l-btajjel tal-Milied Kin Lai kien cempillu fejn qallu li huwa (x-xhud) messu rrizenja b'mod volontarju ghaliex inkella kien ikollhom *issues* dwar referenzi ta' xoghol f'xi mpjieg potenzjali gdid x'imkien iehor.
Huwa stqarr li kien mahsud b'din il-komunikazzjoni ta' 'mpjieg gdid x'imkien iehor' u haseb li din kienet xi cajta. Irrakkonta kif ftit granet wara rcieva t-tieni telefonata minghand Lai fejn qallu li ma kienx hemm post ghalih Londra u li fil-fatt ma kienx hemm post ghalih gewwa Amicorp, tant illi ftit granet wara rcieva *Email* minghand Rani mill-*HR* fejn ghall-ewwel darba fil-hajja lavorattiva tieghu kellu l-impjieg terminat.

Dwar l-esperjenza li kellu ma' Lai ddeskrivija bhala li ha pjacir jahdem mieghu, fejn huwa stqarr li kien qed ihares b'mod b'certu posittivita li sfida li kien ser jesperjenza gewwa Londra.
Dwar Souraya Radwan huwa qal li kien pjacir ghalih li hadem maghha u jifhem li anke hi kienet tidher kuntenta tirrelata mieghu fuq xoghol. Huwa stqarr pero' li kien dizappuntat u sorpriz bid-deposizzjoni taghha.
Dwar Federico Corsale stqarr li dan kien mhux professjonali f'xogholu, fejn huwa rrefera ghal diversi episodji li minhabba fihom ma kienx jafdah. Huwa semma kif kienu diversi d-drabi fejn gibed l-attenzjoni tal-Bord li Corsale bhala *Operation Manager* kien fil-fatt 'riskju operazzjonali'. Dwar dan il-kumment, ix-xhud ta dettalji ta' ncidenti.
Ix-xhud sostna li l-kumpanija ddecidiet li thalli fl-impjieg lil dak li kien gie ngaggat f'Settembru 2020 fejn f'Jannar 2021 meta dan kien ghadu fil-perjodu ta' *probation*, u minflok jitterminaw lilu (lix-xhud) minkejja li kellu hafna esperjenza ta' xoghol.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Andrew Grima** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda billi ta dettalji tad-doveri u rwol li kellu l-Appellant fil-grad tieghu primarjament fosthom li huwa kien *Director* tal-kumpanija. Huwa spjega li filwaqt li l-impjieg tal-Appellant beda f'Settembru 2018, f'Settembru 2019 diga' kien wera x-xewqa li jiccaqlaq mill-posizzjoni li kellu f'Malta mall-kumpanija u jmur Singapore.
L-Avv. Grima qal li malli giet rizolta l-affari mar-Regulatur, l-Appellant ftit jew xejn beda juri nteress fix-xoghol tal-kumpanija, fejn huwa ma kienx ikun prezenti fl-ufficcju malli faqqghet il-Covid 19, tant li l-anqas attenda sabiex jiltaqa' mad-Direttur il-gdid Massimo Talia f'Awwissu 2020. Dan qalu fl-ambitu li l-Appellant kien informa lil kulhadd fl-ufficcju li huwa (l-Appellant) kien ser ihalli lill-kumpanija sa nofs April 2020.
L-Avv. Grima sostna li f'dan ix-xenarju ta' abbandun totali tad-doveri, s-Socjeta' ntimata kellha soluzzjoni wahda u cjoe dak li l-impjieg tal-Appellant jigi fi tmiemu.
Huwa stqarr li f'sens ta' buona volonta, l-Appellant ma accettax li jirrizenja fejn stenna li jkun hemm '*settlement*', u fejn min-naha taghha s-

Socjeta' ddecidiet li ttemmlu l-impjieg fit-termini tal-Ftehim li kien hemm bejniethom u fejn il-kumpanija fl-14 ta' Jannar 2021 infurmat lill-Appellant li dik kienet se tkun l-ahhar gurnata tal-impjieg tieghu u li huwa kien ser jithallas sal-24 ta' Frar 2021.
Wara l-Avv. Grima ghadda sabiex ikkwota diversi siltiet minn xhieda varji fosthom ta' l-istess Appellant.
L-Avv. Grima ghalaq billi nsista li huwa inaccettabli li Direttur ta' kumpanija jfalli fid-doveri bazici li johorgu mir-relazzjoni kuntrattwali u fejn fil-kaz ittrattat l-Appellant kien qed jircievi hlas ta' €90,000.

**L-Avv. Christine Calleja** bdiet billi qalet li filwaqt illi l-Appellant kien impjegat mall-kumpanija f'Settembru 2018, kien biss f'April 2020, wara xoghol bla heda min-naha tal-Appellant li l-kumpanija nghatat lura l-licenzja sabiex tkun tista' terga' taqbad tiehu klijenti godda. Hija sahqet illi tali hidma bla heda hija korraborata mix-xhieda li ta d-Direttur Chi Kin Lai.
L-Avv. Calleja sostniet illi ma kien minnu xejn illi l-Appellant lanqas attenda sabiex jiltaqa' mad-Direttur il-gdid Massimo Talia f'Awwissu 2020, u dan ghaliex huwa (l-Appellant) kien iltaqa' mieghu regolarment '*to give him a handover*'.
L-Avv. Callejja qalet illi fl-14 ta' Jannar 2021 l-Appellant kien inghata ittra ta' terminazzjoni mill-impjieg fejn fiha ma kien hemm indikata l-ebda raguni ghal xhiex kienet qed issehh tali terminazzjoni. Hija kompliet li tali ittra nghatat lill- Appellant meta ftit qabel id-Direttur Kin Lai telefonikament kien cempillu fejn qallu sabiex jirrizenja mill-impjieg.

L-Avv. Calleja sahqet illi l-kumpanija ghazlet li zzomm fl-impjieg lil Massimo Talia u kien biss wara li l-kumpanija giet konxja li huwa (l-Appellant) kien qed jikkontesta t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu illi l-kumpanija bdiet tipprova tibni l-kaz taghha b'allegazzjonijiet nfondati fejn l-Appellant ma kienx qed jaqdi d-doveri tieghu. Hija qieset dan bhala attentat iddisprat sabiex tkun gustifikata d-decizjoni li l-impjieg jigi mitmum ghal 'raguni tajba u sufficjenti'.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant kienetx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda u dokumenti prodotti mill-partijiet.

Dan il-kaz huwa wiehed partikolari fejn jittratta r-rapport bejn kumpanija u mpjegat gholi minn taghha. Il-kazista dwar '*senior management*' mhjiex wahda numeruza ghaliex f'bosta kazi simili jinstabu soluzzjonijiet prattici bi ftehim accettabbli ghaz-zewg partijiet.

A priori dan it-Tribunal jaghraf illi fl-ittra tat-terminazzjoni li l-Appellant nghata datata 14 ta' Jannar 2021, iffirmata minn Kin Lai *Group Head-Funds* u Rani Krishnakutty *Group Head- Human Resources* ma hemm indikata l-ebda raguni ghaliex l-impjieg tal-Appellant kien qed jigi terminat.

Fid-deliberazzjoni tieghu tal-fatti li hargu minn dan il-process, dan it-Tribunal ma jistax ma josservax l-evalwazzjoni kontrastanti taz-zewg partijiet ta' kif b'mod generali jiddeskrivu din l-esperjenza lavorattiva. Fejn min-naha tal-kumpanija ssemmi diversi nuqqasijiet u min-naha tal-Appellant jelenka b'mod dokumentat episodji saljenti tal-hidma tieghu.

Li hu zgur hu li matul dan il-process ma nghatat l-ebda ndikazzjoni li qabel ittiehdet id-decizjoni li l-impjieg tieghu jkun mitmum, l-Appellant gie konfrontat b'xi akkuza formali ta' nuqqasijiet fid-doveri kontrattwali tieghu u li ghalihom kien mitlub jaghti spjegazzjoni.

Dan it-Tribunal jemmen bis-shih illi d-dritt tax-xoghol huwa sagrosant u ghandu jigi valorizzat kemm minn dak li jirrikjedieh u anke minn min jaghtih. U f'dan l-ambitu t-Tribunal jifhem li kumpanija ghandha dritt li thossha konvinta b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ghola mpjegati taghha, li dawn ikunu jgawdu l-fiducja shiha tas-sidien ta' l-istess kumpanija. Pero' jekk dan in-nuqqas ta' tali konvincement, ma jkunx korraborat b'xi akkuzi serji u fondati, m'ghandux ikun daqshekk komdu u relattivament irhis li jigi terminat impieg.
Tramite dan it-twemmin, dan it-Tribunal huwa konxju li l-Kapijiet Ewlenin ta' kull intrapriza ghandhom l-fakolitajiet amministrattivi li

jikkrejaw cirkostanzi opportuni u li permezz taghhom jintemm impjieg ta' xi dipendent minn taghhom.
pero' dan il-pass igorr mieghu wkoll konsegwenzi mhux sbieh, meta tali decizjonijiet ma jkunux ibbazati fuq nuqqasijiet gravi attribwiti lejn u ppruvati kontra l-impjegat u li jkunu sufficjenti li jinghata licenzjament, meqjus fil-kamp tad-dixxiplina lavorattiva bhala l-piena kapitali.

Dan it-Tribunal jemmen illi d-dritt tax-xoghol huwa sagrosant u ghandu jigi rispettat sija min-naha tal-impjegat kif ukoll min-naha ta' min ihaddem. L-impjieg huwa stitut serjissmu fejn tigi nvoluta r-relazzjoni umana.

**Decizjoni**

Ta' min jirreleva li t-Tribunal irid jiddeciedi jekk ir-raguni tat-terminazzjoni ta' mpjieg tkunx <u>tajba u sufficcjenti</u> skond il-ligi u wara kollox li tkun tissodisfa l-gustizzja naturali.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kienetx wahda gusta.

Fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal iqis is-somma ta' €18,750 bhala kumpens gust, u jordna li tali kumpens ghandu jithallas lill-Appellant mis-Socjeta' ntimata, fi zmien erba' (4) gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt li d-durata tal-impjieg mas-Socjeta' ntimata kienet ta' ftit inqas minn sentejn u nofs, u li huwa jippossjedi esperjenza u hiliet li certament jaghmluha mhux difficli li jerga' jikseb impjieg komparabbli ma' dak li kellu mas-Socjeta' ntimata.

Dan it-Tribunal ha konjizzjoni wkoll tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imh. Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs MPTSOL deciza nhar 8 ta' Marzu 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deciza mill-istess fit-23 t'April 2018 fejn gie stabbilit li: 'Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art 81(2) Kap 452, it-Tribunal ghandu diskrezzjoni, u fejn din trid tkun proporzjonata jew

ragonevoli. Li l-Arbitru tat-Tribunal ghandu jkun wiehed boni viri bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell tal-bonus pater familias'.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**